MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1321/2002

**Amal Aluminium Works Ltd.formanti parti minn Amal Group**
**vs**
**Carmel Ebejer, ezercijenti l-kummerc bl-isem Quality Standards**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet: illi hija kreditrici tal-konvenut fis-somma vera, certa u likwida ta' sitt elef erba' mija u hamsin lira maltin u tnejn u tletin centezmu [Lm6,450.32] bilanc ta' somma akbar ghal merkanzija mibjugh u servizz rez lill-konvenut fil-kumpless proprjeta' ta' B & M [Supplies] Ltd fi Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara; illi l-konvenut gia ghamel hlasijiet akkont tal-merkanzija lilu mibjugha u tas-servizz lilu rez mis-socjeta' attrici; illi l-konvenut ghalkemm gie mitlub jhallas, baqa' inadempjenti; talbet li l-konvenut nomine ghaliex ghar-

ragunijiet premessi u dispensat is-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili [Kap.12] u in vista ta' l-affidavit ta' Vincent Attard nomine [dok.C] m' ghandux minn din l-Onorabbli Qorti: 1. Jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef erba' mija u hamsin lira maltin u tnejn u tletin centezmu [Lm6,450.32] fuq imsemmija – Bl-ispejjez, u bl-imghax legali skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat li permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2002 il-konvenut gie awtorizzat jippresenta nota tal-eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa fl-ewwel lok: [1] Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghax kull xoghol li talvolta seta' sar, sar fuq inkarigu ta' Quality Standards Limited u dan kif jirrizulta minn ittra mibghuta mis-socjeta' Quality Standards Limited tat-23 ta' Settembru 2002 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument CF1.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni;

Rat li fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2003 l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza preliminari fuq din l-ewwel eccezzjoni;

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni s-socjeta' attrici qeda tippretendi minghand il-konvenut "Carmel Ebejer,

esercjenti l-kummerc bl-isem Quality Standards" is-somma ta' Lm6,450.32 rapprezentanti bilanc dovut ghall-merkanzija mibjugha u servizz rez lill-istess konvenut.

Illi fl-ewwel lok il-konvenut qed jeccepixxi li hu mhuwiex il-legittimu kuntradittur *"ghax kull xoghol li seta' sar, sar fuq inkarigu ta' Quality Standards Limited"*[1] u in sostenn ta' dan huwa pprezenta kopja ta' ittra datata 23 ta' Settembru 2002.

*Osservazzjonijiet guridici*

Illi in tema legali jigi osservat li "il-gurisprudenza hija stabbilita fis-sens li meta wiehed jikkuntratta f' ismu personali, ma jistax sussegwentement isostni li bhala fatt qed jikkontratta f' isem haddiehor jew f' isem entita' guridika separata. Min ikun kkuntratta f' ismu proprju ma jistax sussegwentement juza l-paraventu tas-socjeta' kummercjali jew ta' terza persuna sabiex jevita r-responsabbilita'kontrattwali tieghu."

"Hija haga minn lewn id-dinja li **normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu** sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f' isem haddiehor,jew, jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ragjonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f' isem haddiehor ……. F' dan il-kaz ma jirrizultax sodisfacentement li meta l-konvenut innegozja mas-socjeta' attrici *a tempo vergine* gab a konjizzjoni taghha hu kien qieghed jixtri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' u li din is-socjeta' biss kienet obbligata ghall-hlas*."(**Frank Cilia noe v Charles Scicluna** Q.Kum. 27.04.1992) (**vide** wkoll: **Charles O'Flaherty nomine v Joseph Micallef** QK.24.06.1987 u **Charles Mizzi v Teddy sive Edward Borg** QK 10.05.1990)* **[***Vol.LXXXII.II.1296 App.S 98 –* ***Joseph Chetcuti noe v Peter Paul Camilleri****]*

Illi f' kazijiet fejn hemm dubbju l-presunzjoni hi li persuna kkontrattat f' isimha proprju, u min jallega l-kuntrarju ghandu l-oneru tal-prova u dan fuq l-istregwa tal-principju

[1] Fol.22

fondamentali li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*; u l-provi in sostenn ta' din il-pretensjoni tieghu ghandhom ikunu konklusivi b' mod li jistabbilixxu li dak li kellu jigi prima facie prezunt mic-cirkostanzi materjali li fhom sar in negozju ma jirrispekkjax il-verita' *[App.* ***Lawrence Formosa et noe vs Silvio Felice*** *6 ta' Ottubru 1999, u App.****John Vella nomine vs Anthony Vella*** *3 ta' Dicembru 1999 – citati fil-kaz App.Inf. [PS]* ***Mirabel Distributors Limited vs Emanuel Zammit*** *16 ta' Dicembru 2002]*

*Osservazzjonijiet fattwali*
Illi fil-meritu l-Qorti tosserva li, ghalkemm fid-deposizzjoni tieghu tal-4 ta' Gunju 2003 il-konvenut sostna li hu *"qatt"* ma kellhu x'jaqsam mas-socjeta' attrici personalment u li huwa esercita l-kummerc *"Dejjem Quality Standard Ltd."*[2], il-provi jismentixxu manifestament dawn l-allegazzjonijiet. Il-konvenut qed jibbaza din l-eccezzjoni fuq zewg invoices mahrugin Quality Standard Limited, izda konvenjentement qed jinjora l-hames invoices l-ohra li hargu fuq Quality Standards.

Izda l-Qorti tkompli tosserva li, ghalkemm l-intestatura fuq l-invoices tista' tkun indikattiva f' kazijiet ta' dubbju jew ambigwita', dak li huwa essenzjali ghad-determinazzjoni tal-vertenza in disamina huwa l-kwalita' tal-partijiet fil-mument li dahhlu fit-transazzjoni inizjali tar-rapport guridiku ta' bejniethom. Fi kliem iehor, huwa dan il-ftehim li jistabilixxi r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet u mhux l-invoices li jkunu hargu sussegwentement minn zmien ghal zmien, jew kif gew indirizzati ittri sussegwenti.

Konsegwentement f' dan il-kaz id-dokumenti determinanti in propositu huma d-dokument markat A4[3] li huwa il-ftehim originali, u d-dokument A8 li jirraprezenta offerta ghall-ftehim addizzjonali, liema offerta kienet giet accettata mill-konvenut. Id-dokument A4 datat 25 ta' Frar 2000 huwa indirizzat "Quality Standards" u huwa ffirmat minn "Charles Eberjer" [sic]. Id-dokument A8[4] datat 27

---
[2] Fol.35
[3] Fol.9
[4] Fol.13

ta’ April 2001 huwa ndirizzat lil “Mr.C.Ebejer - Quality Standards”. Dan gie accettat minn “Charles Ebejer – Quality Standards” u d-depositu relattiv imhallas kif jixhed id-dokument 9[5].

Illi inoltre tispikka l-mankanza tal-prova, da parti tal-konvenut, tal-esistenza tal-socjeta’ minnu indikata cioe’ Quality Standards Limited, u f’ kaz affermattiv, tad-data tar-registrazzjoni taghha.

Illi ghalhekk fil-kaz odjern jirrizulta car u manifest li l-konvenut kkontratta mas-socjeta’ attrici, mhux bhala Quality Standards Limited kif qed isostni hu, imma bhala Carmel Ebejer ezercitanti l-kummerc bl-isem Quality Standards; u ghaldaqstant il-konvenut kif citat huwa l-legittimu kontradittur f’ dawn il-proceduri, u l-eccezzjoni sollevata minnu hija nsostenibbli kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjez; u tiddiferixxi l-kawza ghall-prosegwiment tas-smigh fuq il-meritu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Fol.14